**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 9 ta' Frar 2001**

**Numru 25**
**Citaz. Nru. 853/98 FDP**

**George u Catherine konjugi Farrugia**
**Vs**
**Chairman, Enemalta; u l-Kummissarju, Dipartiment Estate Management**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-atturi permezz ta' kuntratt ta' akkwist fl-atti tan-Nutar Dr. J. H. Saydon tas-26 ta' Novembru 1980, gew assenjati porzjon art diviza mill-Awtorita` tad-Djar b'titolu ta'

enfitewsi perpetwa tal-kejl cirka 190m kwadri liema art hija murija bin-numru 71 u indikata Q/38/78 u registrata mad-Dipartiment X00301 u dan kif jirrizulta mid-dokument anness mac-citazzjoni u markat bhala Dok C;

Premess illi l-atturi permezz ta' kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja tal-15 ta' Jannar 1996 fdew c-cens annwu u perpetwu gravanti l-istess sit u dan kif jirrizulta mid-dokument anness mac-citazzjoni u markat Dok D;

Premess illi l-konvenuta Korporazzjoni Enemalta, minghajr ebda jedd validu fil-ligi, illegalment u bi vjolazzjoni tad-drittijiet ta' l-esponenti, invadiet il-proprjeta` ta' l-atturi u hemmhekk ghamlet xoghlijiet ta' kostruzzjoni konsistenti fil-bini u tqeghid ta' substation fuq parti mill-art koncessa lilhom u mifdija permezz tal-kuntratti aktar 'il fuq indikati u dan a detriment taghhom;

Premess illi l-konvenuta Korporazzjoni Enemalta setghet facilment titlob lill-intimat l-iehor u cioe` Dipartiment ta' l-Estate Management sabiex tinghata porzjon art barra l-konfini ta' l-art koncessa lill-esponenti kif aktar 'il fuq indikat;

Premess illi l-esponenti baghtu jintimaw lill-intimata Korporazzjoni Enemalta sabiex tizgombra minn fuq l-art taghhom;

Premess illi konsegwenza ta' tali korrispondenza l-istess intimata Korporazzjoni Enemalta qeghda

taghzel illi tfittex tesproprija l-art proprjeta` ta' l-atturi u diga` tat struzzjoniujiet f'dan is-sens lid-Dipartiment konvenut Estate Management minghajr ma l-ewwel tipprova tara hemmx art ohra pubblika disponibbli kif fil-fatt hemm;

Premess illi dan l-agir da parti tal-konvenuti huwa wiehed abbuziv, illegali u li jmur kontra l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-bniedem;

Premess illi l-esponenti diga' batew, qeghdin ibatu u ser ikomplu ibatu danni ngenti u li ser ikomplu jiggravaw jekk l-art taghhom tigi esproprijata ghal-liema danni l-atturi jitolbu illi jigu risarciti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi s-sit illi fuqu tinsab mibnija s-substation tifforma parti mill-art trasferita lill-atturi permezz tal-kuntratt ta' akkwist fl-atti tan-Nutar Dr. J.H. Saydon tas-26 ta' Novembru 1980 mill-Awtorita` tad-Djar b'titolu ta' enfitewsi perpetwa tal-kejl cirka 190m kwadri liema art hija murija bin-numru 71 u indikata Q/38/78 u registrata mad-Dipartiment X00301;

2. Sussegwentement ghal din id-dikjarazzjoni, tinibixxi lill-konvenuti, jew lil min minnhom, milli jaghmlu kwalunkwe haga jew li johorgu

kwalunkwe permess jew talba ghall-esproprijazzjoni li b'xi mod jistghu jippregudikaw jew jiddiminwixxu d-drittijiet proprejtarji ta' l-atturi *qua* proprjetari tas-sit ufficjalment immarkat bhala bin-numru 71 u indikat Q/38/78 u registrata mad-Dipartiment X00301 aktar 'il fuq indikat;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissalhom il-Qorti, iwaqqghu, ihottu u jiddemolixxu, taht id-direzzjoni u sorveljanza ta' perit nominandi, il-fabrikat kollu li bnew bla jedd fuq l-art aktar 'il fuq imsemmija li hija proprjeta` esklussiva ta' l-atturi u b'hekk jirrientegraw lill-atturi fil-pussess shih u mhux imxekkel tal-proprjeta` taghhom;

4. In difett, l-atturi jkunu awtorizzati jaghmlu x-xoghol ta' demolizjoni u reintegrazzjoni li jkun mehtieg taht id-direzzjoni ta' l-istess perit nominand a spejjez tal-konvenuti jew min minnhom;

5. U li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu dikjarati responsabbli lejn l-atturi tad-danni kollha minnhom sofferti bl-okkupazzjoni ta' l-istess art, u danni ohra konsistenti fit-telf ta' uzu, hlas ta' cens u dak kollu li jirrizulta – likwidabbli bl-operat ta' perit; u li jigu kundannati l-konvenuti jew min minnhom, ihallsu lill-istess danni lill-atturi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' Frar 1998;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u il-lista tax-xhieda minnhom indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta illi fiha hija eccepiet:-

Illi hija ma kienetx il-legittima kontradittrici f'dan il-kaz stante li kienet akkwistat din l-art minghand l-Awtorita` tad-Djar u bniet is-substation fuq l-art wara li rceviet il-permessi necessarji mill-istess Awtorita` f'ittra li ggib id-data tal-25 ta' Novembru 1992;

Ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess Korporazzjoni u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju ta' l-Artijet li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament l-Avukat Generali ma giex notifikat bic-citazzjoni skond l-Artikolu 181B tal-Kap. 12;

2. Illi huwa qatt ma awtorizza jew ta permess lill-Korporazzjoni Enemalta biex tibni substation fuq l-art in kwistjoni;

3. Illi ma hemm ebda dikjarazzjoni presidenzjali ghall-esproprijazzjoni fuq l-art imsemmija;

4. Illi d-decizjoni fejn tista' tinbena substation ma tispettax lill-esponent u ghalhekk ma jwegibx ghal din id-decizjoni;

U ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjrazzjoni ta' l-imsemmi Kummissarju ta' l-Artijiet u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-atturi pprezentata fit-13 ta' Ottubru 1999 fejn huma rrinunzjaw ghat-talbiet taghhom fil-konfront tal-konvenut Dipartiment Estate Management;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lix-xhud prodott u lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi rrizulta sodisfacentement illi l-atturi akkwistaw porzjoni art fi Triq il-Fenici l-Qrendi u fuqha l-Korporazzjoni konvenuta bniet substation

minghajr il-kunsens ta' l-istess atturi proprjetarji ta' l-art in kwistjoni;

Illi skond in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta din kienet tikkontendi li l-art giet minnha akkwistata minghand id-dipartiment tal-Gvern koncernat u inoltre li kienet otteniet il-permessi kollha mehtiega minghandu ghall-kostruzzjoni li allegatament saret fuqha;

Illi mir-rizultanzi processwali u senjatament mix-xhieda tar-rapprezentant ta' l-Estate Management Department, din l-art ghadha proprjeta` ta' l-atturi u anqas ma giet b'xi mod milqutgha minn xi Expropriation Order, li kieku inharget kienet tvarja il-fattispeci kollha tal-kaz;

Illi anke mid-dokumenti esebiti gie sufficentement pruvat li l-art in kwistjoni hija proprjeta` ta' l-atturi u l-Korporazzjoni Enemalta m'ghandha ebda titolu fuqha u ghalhekk jekk ghamlet fuqha xi xoghlijiet dawn saru abbuzivament; jigi rilevat li skond ix-xhieda ta' l-istess atturi ghal xi zmien wara li kienu akkwistaw l-art ma kienux certi mill-konfini taghha u parti minnha ma kienux zviluppawha u x'aktarx li l-Korporazzjoni Enemalta hasbet li din il-bicca art kienet eskluza mit-trasferiment u ghalhekk qabdu u bnew fuqha. Is-sitwazzjoni giet kjarifikata wara li saru indagini fuq il-konfini ta' l-art mibjugha u rrizulta mill-atti quddiem il-Qorti illi l-arja kollha indikata fid-dokumenti esebiti tappartjeni lill-atturi u

huma certament ma taw qatt il-kunsens biex xi parti minnha tigi uzata minn terzi.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba in kwantu diretta ghad-Dipartiment ta' l-Estate Management, tilqa' l-Ewwel Domanda kif dedotta fic-citazzjoni;

Tilqa' it-Tieni Domanda fil-konfront biss tal-Korporazzjoni konvenuta fejn talbet illi tigi inibita milli taghmel kwalunkwe haga jew tohrog kwalunkwe permess fuq l-art in kwistjoni pero` tichadha in kwantu tirreferi ghat-talba ghall-esproprijazzjoni;

Tilqa' it-Tielet Domanda kif dedotta fil-konfront biss tal-Korporazzjoni Enemalta, u ghal dan il-fini tipprefiggi terminu ta' erba' (4) xhur minn meta din is-Sentenza tghaddi in gudikat, u x-xoghol necessarju ghandu jsir taht id-direzzjoni professjonali tal-Perit David Pace;

Tilqa' r-Raba' Domanda kif dedotta fic-citazzjoni b'dan pero` li jekk ix-xoghlijiet ikunu eventwalment necessarji, l-istess xoghol ghandu jsir taht id-direzzjoni ta' l-imsemmi Perit David Pace;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-Hames Domanda minhabba nuqqas ta' provi.

L-ispejjez jithallsu mill-Korporazzjoni Enemalta hlief ghal dawk relattivi ghad-Dipartiment ta' l-Estate Management li ghandhom jigu sopportati mill-istess atturi.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur